Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 46/17

**AVVIŻI**

**12 ta' Novembru 2017**

*Illum* 12 ta' Novembru l-membri tal-kumitat tal-Festa sa jkunu qegħdin jagħmlu ġabra bieb bieb b'riżq il-festa.

Nhar is-Sibt 25 ta' Novembru sa ssir *Pasta Night* fiċ-Ċentru Parrokkjali. Booking fis-sagristija jew għand il-membri tal-Kumitat.

Għad fadal l-aħħar ftit postijiet għall-pellegrinaġġ li sa jsir bejn l-1 u t-8 ta' April għal Assisi, Ruma, Loreto, La Verna u Osimo. Dawk li jixtiequ jingħaqdu ma' dan il-grupp huma mħeġġa jibbukkjaw mill-aktar fis. Il-prezz hu tajjeb ħafna għalhekk inħeġġukom ma titilfux din l-okkażjoni.

Matul ix-xahar ta' Novembru, kull nhar ta' Erbgħa, Ġimgħa u Ħadd ikun hemm quddiesa fiċ-ċimiterju fil-11.30am. Il-quddiesa tal-Ġimgħa filgħaxija fil-knisja parrokkjali tkun b'suffraġju għall-erwieħ tal-mejtin kollha li isimhom jitqiegħed fil-qoffa ta' fuq l-altar ta' Sant'Antnin. Min irid jista' jieħu l-formola minn ħdejn il-bibien tal-Knisja. Id-donazzjonijiet ta' flus li jitqiegħdu ma' dawn l-ismijiet imorru għall-fond tal-karità tal-parroċċa.